MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003

Numru 463/2003

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DOTTOR SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**STEPHEN CHRISTOPHER BORG**

**Illum, 10 ta’ Gunju, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Stephen Christopher Borg ta' 42 sena, bin il-mejjet Joseph u Emmanuela nee' Cucciardi, imwieled l-Ingilterra fil-5 t'April, 1961 u joqghod fil-fond numru: 15, Farsons Street, il-Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 10355(A) gie akkuzat:

Talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Dicembru, 2002, ghal habta tas-1.00 ta' filghodu, fi Triq l-Iskola, l-Fgura permezz tal-vettura ta' l-ghamla Ford, mudell Fiesta, ta' lewn bajdani, bin-numru tar-registrazzjoni: BAA-783 ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-ghamla Citroen, mudell AX, ta' lewn hamrani u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: BAP-873, liema hsara teccedi l-Lm500, ghad-dannu ta' Antonia sive Nina Borg mill-Fgura u dana bi ksur ta' l-art. 325 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok, permezz tal-vettura ta' l-ghamla Ford, mudell Fiesta, ta' lewn bajdani, bin-numru tar-registrazzjoni: BAA-783 ikkawza hsarat volontarji fuq il-bieb ta' barra tar-residenza Nru: 40, 'Our Dream', Triq l-Iskola, l-Fgura, liema hsara teccedi l-Lm500, ghad-dannu ta' Antonia sive Nina Borg mill-Fgura u dana bi ksur ta' l-art. 325 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

W aktar talli fl-istess data, hin u lok, saq il-vettura ta' l-ghamla Ford, mudell Fiesta, bin-numru tar-registrazzjoni BAA-783, b'manjiera perikoluza u dana bi ksur ta' l-artiklu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta' Stephen Christopher Borg u dan skond kif inhu mitlub fl-art. 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JB3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi ta' ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le l-imputat wiegeb li hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat qieghed fi stadju avvanzat li jhallas id-danni kollha sofferti minn Antonia sive Nina Borg.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 325 (a) tal-Kap. 9 u l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Stephen Christopher Borg, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat qieghed fi stadju avvanzat li jhallas id-danni kollha sofferti minn Antonia sive Nina Borg, u wkoll fil-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Stephen Christopher Borg ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Stephen Christopher Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u l-Qorti qed taghti lill-imputat Stephen Christopher Borg l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28a(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Stephen

Christopher Borg milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Finalment, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Stephen Christopher Borg b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma’ jimmolesta lill-Antonia sive Nina Borg ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------